**ORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH**

**Seduta tal-11 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Abram Grima**

**Il-Qorti;**

Rat li Abram Grima, ID 521482M:

*Talli f' 15.04.2018 ghall-habta ta' 15:30hrs gewwa Triq M.A. Vassalli Qormi*
*1)Insulentajt, heddidt u ingurjajt lil Rachel u lil Jonathan Vella bi kliem jew b' xi mod iehor;'*
*2) Volontarament ksirt il-bon ordni u l-paci pubbliku b' ghajjat u glied u storbju.*

Il-Qorti kienet mitluba li f' kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Ghalhekk rat u ezaminat l-affidavit esebit;

Semghet ix-xhieda kollha mressqa.

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 399(1) ( e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Illi z-zewg offizi kontravenzjonali ai termini ta' l-artikolu 399(1) (e) u ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rrizultaw li gew ippruvati mill-provi prodotti u mismugha minn din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi wara li rat l-Artikoli 399(1) (e); 338(dd) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ammenda ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00) u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ammenda ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25.00).**

**Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500.00) ghal zmien sena millum sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Rachel Vella u Jonathan Vella.**

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**